KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 25

**Il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 25.1 Qari tal-Apoloġiji

25.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija waħda mingħand il-Kunsillier Christopher Borg minħabba li jinsab imsiefer fuq proġett tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

25.1.2 Hija infurmat ukoll li hekk kif mitluba, infurmat lis-Sur Ryan Mercieca Cefai li l-laqgħa ta' Frar kienet se tinżamm wara l-laqgħa tal-Kunsill.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 24

25.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 24 li kienu meqjusa moqrija.

25.2.2 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li f'para. 24.9.3 jiżdiedu l-kliem *ta' konsultazzjoni* sabiex is-sentenza taqra Sadanittant se tintbagħat ittra *ta' konsultazzjoni* lir-residenti kollha.

25.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 24 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 25.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 24.3.1, huwa kien reġa' kiteb lis-Segretarju tal-Ministru dwar il-parkeġġ tal-Iskola Primarja. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li għandu jiġi ffurmat sottokumitat biex jiġu diskussi l-proposti ta' kif jista' jitħaddem dan il-parkeġġ. Kien hemm qbil li s-sottokumitat ikun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Agius, is-SE u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

25.3.2 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 24.3.2, il-Ministru Miriam Dalli kienet lesta tilqa' lir-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali tal-Imsida u ta' Birkirkara nhar l-24 ta' Marzu.

25.3.3 Is-Sindku fakkar li wara l-laqgħa tal-kunsill, kienet se tinżamm il-laqgħa mal-grupp tal-armar.

25.3.4 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 24.3.6 kienet intbagħtet kommunikazzjoni lis-Superjur Ġenerali biex issir laqgħa.

25.3.5 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 24.3.9, TM kienet approvat li f'dan il-parkeġġ jistgħu jipparkjaw biss vetturi żgħar (*light vehicles*) u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin kienu se jitwaħħlu t-tabelli.

25.3.6 Fir-rigward ta' para. 24.3.11, is-Sindku informa li dwar il-berġa, kien irċieva kommunikazzjoni lura fejn infurmaw li qed jistennew lura mingħand l-Awtorità tal-Artijiet. Kif dawn jagħtu l-approvazzjoni kien se jinbeda x-xogħol.

25.3.7 Dwar para. 24.3.13, is-SE infurmat li kienet għadha ma kitbitx lill-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data dwar it-twaħħil ta' Cameras ma' residenzi privati.

25.3.8 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsillier JC Borg li l-Kunsill ma jistax jobbliga lill-amministraturi tal-appartamenti jagħmlu cameras kif kien issuġġerixxa waqt l-aħħar laqgħa. Is-Sindku kompla li hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa organizzata mill-ERA u fiha kien ħareġ ċar kemm din l-awtorità ma kinitx qed tkun effettiva fl-infurzar, għalkemm l-Imsida kienet waħda mil-lokalitajiet bl-ogħla ammont ta' spezzjonijiet u ċitazzjonijiet maħruġa. Is-Sindku informa li waqt id-diskussjoni huwa kien issuġġerixxa li l-cameras ikunu jitħaddmu b'intelliġenza artifiċjali sabiex jagħrfu lil min jikser il-liġi u li jingħataw *on the spot fines*. Hawnhekk is-SE infurmat li wara diskussjoni ma' waħda mill-iskrivani kienu ħejjew ittra biex tintbagħat lill-amministraturi tal-blokok li huma rreġistrati magħhom biex jirrakkomandawlhom li jikkonvinċu lir-residenti biex iwaħħlu cameras fil-komun u li min jinqabad joħroġ l-iskart fil-ġurnata u l-ħin ħażin jingħata penali interna li tiżdied mal-ammont tal-kondominju. Il-Kunsillier Agius issuġġerixxa li jiġu mistoqsija wkoll jekk hux diġà għandhom sistema ta' CCTV jew le.

25.3.9 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Chircop. Il-ħin kien l-4:30pm.

## 25.4 Approvazzjoni tal-ħatra ta' Uffiċjal Amministrattiv I

25.4.1 Is-SE spjegat li kienet irċeviet applikazzjoni waħda interna u sussigwentament kienet saret intervista mal-iskrivan tal-Kunsill.

25.4.2 Wara l-intervista, kien hemm qbil li dan l-iskrivan għandu jiġi maħtur bħala Uffiċjal Amministrattiv I.

25.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-intervisti u talab lis-SE biex tmexxi bil-proċedura tas-soltu.

25.4.4 Hawnhekk is-SE għamlet talba lill-Kunsill biex jikkunsidra li jtella' l-*allowance* tax-xahar ta' waħda mill-iskrivani tal-Community Workers Scheme għal €250 minflok €118 (l-ammont jinkludi l-VAT) għaliex riċentament kienet ħadet aktar responsabbiltajiet milli kellha qabel. Hija qalet li l-ammont ta' xogħol li kienet tagħmel kien tassew konsiderevoli u tħoss li l-Kunsill għandu jippremmjaha billi jtiha inċentiv finanzjarju żgħir. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 25.5 Vakanza għal *Council Assistant* fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa

25.5.1 Is-SE infurmat li ħasset il-ħtieġa li tiġi impjegata persuna fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa biex tagħti daqqa t'id fir-*reception* b'mod speċjali fejn jidħlu l-permessi minħabba li l-każijiet ta' kostruzzjoni kienu żdiedu b'mod konsiderevoli u magħhom qed iġibu problemi li qed jieħdu ħafna aktar ħin biex jiġu proċessati, bħal għeluq ta' toroq, tneħħija ta' parkeġġi, tpoġġija ta' tower cranes, tpoġġija ta' *hoardings u scaffolding*, eċċ. Hawnhekk il-Kunsillier Farrugia qabel mas-SE u kkonferma li dan huwa kollu minnu.

25.5.2 Il-Kunsill qabel li għandha tiġi impjegata persuna oħra fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa biex tgħin fuq il-permessi u fir-reception.

25.5.3 Hawnhekk wasal il-Kunsillier JC Borg. Il-ħin kien il-4:45pm.

## 25.6 Konsultazzjoni mar-residenti dwar proposti tat-traffiku

25.6.1 Is-SE infurmat li kienu tqassmu 3 ittri fit-toroq magħżula mill-Kunsill, eżattament dwar il-proposta tal-*one ways* fiż-żona ta' Triq l-Irmiġġ; il-proposta tal-*one ways* fiż-żona ta' Triq is-Sarġ u oħra dwar il-proposta tas-CCTV *camera* fi Triq il-Kunċizzjoni.

25.6.2 Għalkemm fil-maġġorparti tagħhom, ir-riżultat ħareġ ċar, hija ssuġġeriet li dawn jiġu diskussi f'livell ta' sottokumitat biex jgħaddi r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

25.6.3 Kien hemm qbil li s-sottokumitat għandu jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Agius, il-Kunsillier Farrugia, il-Kunsillier Chircop u fin-nuqqas tiegħu tattendi l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

25.6.4 Sadanittant staqsiet lill-Kunsillier Mallia jekk kienx ġab xi kwotazzjonijiet għall-camera biex il-Kunsill ikollu idea ta' prezzijiet. Huwa rrisponda li ghadu qed ifittex.

## 25.7 Jum l-Imsida 2026 u reviżjoni tar-regolamenti

25.7.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li hi u l-Kunsillier Baldacchino Cefai se jkunu msiefra fuq kors il-ġimgħa ta' qabel il-festa u fil-ġurnata li normalment tinżamm Jum l-Imsida. Kien hemm qbil li d-data ta' Jum l-Imsida għal din is-sena tkun nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tieħu ħsieb tibbukkja s-sala tal-Iskola Primarja.

25.7.2 Sadanittant fakkret lill-Kunsill li s-sena li għaddiet kien qabel li jifforma sottokumitat apposta biex jiddiskutu tibdil fir-regolamenti. Kien hemm qbil li r-regolamenti finali għandhom jiġu mgħoddija permezz tal-*email* lil kull Kunsillier.

25.7.3 Kien hemm qbil li s-sottokumitat għandu jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Agius, il-Kunsillier JC Borg u s-SE.

## 25.8 Proposta għal Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħamiem Selvaġġ

25.8.1 Is-SE infurmat li waqt laqgħa li attendew is-Segretarji Eżekuttivi, kien hemm rappreżentanza mis-Sezzjoni tas-Sanità li taw spjega ta' kif se jibdew jinqabdu l-ħamiem selvaġġ u jittieħdu l-biċċerija. Din il-proċedura għadha qed tiġi diskussa mal-awtoritajiet u kif se jkun hemm deċiżjoni u qbil fuqha, se jiġu infurmati l-Kunsilli kollha. Hija infurmat li kemm-il darba se tiġi approvata, se jkun hemm bżonn li l-Kunsill isib xi postijiet bi bjut, anke privati, fejn jitpoġġew dawn il-gaġeġ u li jkunu aċċessibbli regolarment.

25.8.2 Sadanittant is-Sindku informa li ma kienx hemm għalfejn wieħed jirrispondi l-email dwar jekk jaqblux jew le mat-trażżin tal-ħamiem. Huwa informa wkoll li s-SE tar-Reġjun Tramuntana kien ta risposta tajba f'isem kulħadd.

## 25.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

25.9.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

25.9.2 Il-Kunsillier Agius staqsa jekk kinitx saret il-laqgħa mal-Inġinier fir-rigward ta' para 24.3.4. Is-SE infurmat li kienet saret u li kien bagħat l-isecifications lis-CRPD biex jikkonfermawhom u kif nirċievuhom se nieħdu ħsieb li mmexxu bil-pubblikazzjoni tal-offerta.

25.9.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar l-għatba tal-vann, b'riferenza għal para. 24.3.8, is-SE infurmat li kienet ġiet iffissata data sabiex jiddaħħal il-vann u titwaħħal għatba kull naħa tiegħu, sabiex dan ikun aktar aċċessibbli għall-anzjani.

25.9.4 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li l-attività bl-isem Kwareżima, organizzata mill-President kienet iċċaqalqet id-data tagħha u l-Iskola tal-Imsida ma setgħet tattendi u għaldaqstant ma kienux se jipparteċipaw din is-sena.

## 25.10 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

25.10.1 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li se jkun hemm 3 online sessions fuq il-proġett tas-Sublime u inkuraġġiet lill-Kunsillier biex jattenduhom.

25.10.2 Il-Kunsillier Farrugia informa li din il-ġimgħa kienet inżammet laqgħa mal-Perit fuq il-festi ta' San Ġużepp u tal-Ġimgħa l-Kbira u ġew diskussi r-rotot. Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg ta dettalji tar-rotta ta' San Ġużepp li se ddur it-toroq tas-soltu. Ir-rotta tal-Ġimgħa l-Kbira se tgħaddi minn Triq il-Kunċizzjoni u sadanittant se tiġi kostruwita rampa għal quddiem il-Kunsill biex it-tfal jinżlu minnha bl-istatwi. Il-Purċissjoni tal-Irxoxt se tibqa' l-istess filwaqt li ta' Ħadd il-Palm se tinbidel ir-rotta. Il-Kunsillier JC Borg informa li skont ma infurmaw waqt il-laqgħa, fil-ġimgħatejn li ġejjn se jibda x-xogħol quddiem il-Każin tal-Banda.

25.10.3 Il-Kunsillier Farrugia informa li kien ġibed l-attenzjoni dwar xi punti oħra wkoll, bħal barriers li tpoġġew fil-parkeġġi, nuqqas ta' mmarkar ta' *zebra crossing* wara l-Kunsill, is-sitwazzjoni tal-Għajn tal-Ħasselin, eċċ.

25.10.4 Il-Kunsillier Farrugia informa li kien mar fuq każ dwar tpoġġija ta' tower crane fi Triq Santa Venera fuq nett u kien importanti li t-triq tiġi fuq direzzjoni unika, u l-vetturi jidħlu minn Triq Dun Kalċidon Schembri u joħorġu minn Triq il-Qawsalla. Ix-xogħol għandu jdum madwar 4 – 6 xhur. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

25.10.5 Is-Sindku staqsa jekk l-ittra ta' Triq l-Esperanto għandhiex tintbagħat lir-residenti tat-triq biss inkella tinfetaħ aktar. Il-Kunsill qabel li tintbagħat biss lir-residenti u businesses ġo din it-triq.

25.10.6 Il-Kunsillier Mallia informa li kien hemm opportunità fuq innovazzjoni GovTech4all u l-Kunsill seta' japplika għal fondi sakemm ikun hemm 3 kunsilli oħra biex jiġi ffurmat konsorzju. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien hemm qbil li għandhom jiġu avviċinati l-Kunsilli tal-Pietà, Gżira u Birkirkara. Kemm-il darba jkun hemm min mhux interessat, għandhom jiġu avviċinati Kunsilli oħrajn fil-viċin li jiffurmaw parti mir-Reġjun tagħna. Is-Sindku se jieħu ħsieb ikellem lis-Sindki ta' kull lokalità.

25.10.7 Is-Sindku informa li kienet ġiet iffissata laqgħa ma' rappreżentant ta' TM biex nippruvaw insibu xi parkeġġi oħra li bħalissa mhux jintużaw.

25.10.8 Is-Sindku informa li l-ġimgħa li ġejja hu u s-SE għandhom laqgħa mal-Onorevoli Zerafa Civelli kif ukoll mad-DĠ.

25.10.9 Is-Sindku informa li kienet saret talba lill-Onorevoli Andy Ellul sabiex issir laqgħa ġewwa l-Imsida sabiex jiġi spjegat il-bżonn li d-djar dilapitati ta' Triq il-Wied jinbidlu fi ġnien, parkeġġ u garaxxijiet għar-residenti.

25.10.10 Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet attività organizzata mir-Reġjun Lvant fl-iskola primarja.

25.10.11 Is-SE infurmat li kienet inżammet laqgħa dwar il-librerija pubblika u kien ġie ddeterminat li din tista' timxi għall-Iskola Primarja wara li jiġu diskussi l-problemi loġistiċi.

25.10.12 Il-Kunsillier Farrugia informa li għal Ġunju/Lulju għandhom jibdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' Triq Victor Denaro. Ix-xogħol għandu jsir f'fażijiet. Huwa informa li kien talab lill-Project Green biex fl-aħħar nett tal-proġett it-tfal jingħataw pjanta kull wieħed.

25.10.13 Is-SE infurmat li sadanittant l-bord tal-evalwazzjoni tat-tender tal-ġnien ta' Triq Victor Denaro kien iltaqa' diversi drabi u kienu lestew il-proċess tal-evalwazzjoni. Hija preżentat kopja tar-rapport fejn irriżulta li hemm biss *supplier* wieħed li huwa eliġibbli kompletament (*cheapest compliant*). Il-Kunsill approva r-rapport u s-SE se tieħu ħsieb tmexxi bil-kumplament tal-proċess tal-offerti.

25.10.14 Is-SE infurmat li rċeviet ittra dwar inċident li kien inqala' fuq l-iskall mingħand is-Sur Mark Tonna f'isem l-Għaqda tad-Dgħajjes u Sajjieda (Msida). Hija infurmat li dwar dan l-inċident kien sar rapport lill-pulizija min-naħa tagħha. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar jekk inbidlux il-katnazzi, hija infurmat li suppost li iva.

25.10.15 Is-SE infurmat li kienet bagħtet kommunikazzjoni lill-PWD fir-rigward tal-bandli tas-Swatar iżda sal-ġurnata għad m'għandhomx informazzjoni jekk hux proprjetà tal-Gvern jew jekk kienx ġie devolut lill-Kunsill. Kien hemm qbil li ladarba l-ammont huwa żgħir ħafna għandha tmmexxi bil-pagamenti.

## 25.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-25), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Farrugia ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 25.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:10pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu 2026 fl-5:00pm. Kien hemm qbil ukoll li l-laqgħa mal-Liaison Officer tinżamm fil-4:30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |